MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 381/2001/1

**Frank Xerri**

**vs**

**Chadwick Mushroom Farm Limited u b'digriet tal-4 ta' April, 2002 gie msejjah fil-kawza David Debono**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Marzu, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur huwa kreditur ta' David Debono, u sal-ahhar ta' Frar, 2001, kien hekk fis-somma ta' tlettax il-elf, tlett mija u tmienja u tmenin liri Maltin (Lm13,388).

L-istess debitur, David Debono huwa kreditur tad-ditta konvenuta, *"Chadwick Mushroom Farm Ltd"* li ggib in-

numru C 3965, u dana fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija u hamsa u sebghin liri Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm5,375.94), kif qed jikkonferma l-istess David Debono fl-anness affidavit tieghu Dok *'A'*.

L-esponenti jrid jipprevalixxi ruhu mill-fakulta' prevista mill-artiklu 1143 tal-Kodici Civili u jezegwixxi l-azzjoni li huwa ntitolat ghaliha d-debitur tieghu, David Debono, biex jithallas il-kreditu tieghu kontrih, mill-kreditu li dan ghandu kontra d-ditta konvenuta.

Is-somma fuq imsemmija minkejja l-azzjoni tal-esponenti permez ta' Mandat ta' Sekwestru ghada sal-lum dovuta, u flok jhallas il-konvenut qed jipprezenta biss garanzija bankarja.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1.) tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' David Debono fis-somma ta' Lm5,375.94, jew kull bilanc li jista' jirrizulta hekk dovut;

2.) tiddikjara li David Debono huwa debitur tal-attur fis-somma ta' aktar minn Lm5,375.94;

3.) tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm5,375.94, jew kull bilanc li jista' jirrizulta hekk ghadu dovut, akkont tal-kreditu tal-attur kontra David Debono;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 562/01, kontra d-ditta konvenuta, u l-imghaxijiet skond il-ligi, kontra d-ditta konvenuta li minn issa hija jew rapprezentanti taghha huma ingunti *in subizzjoni*.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha ecepiet illi:

1. Partikolarment *in vista* tat-tieni (2) talba attrici, illi l-gudizzju mhux integru *stante* illi David Debono ghandu jkun parti fil-kawza odjerna;

2. Ma jikkonkorrux l-elementi sabiex l-attur jipprevalixxi ruhu mill-jedd moghti bl-Artikolu 1143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi, bi qbil bejn is-socjeta’ eccipjenti David Debono, kull ammont li jirrizulta li jkun dovut minn xi parti, kellu jithallas permezz ta’ tpartit tal-prodotti rispettivi;

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti mhix debitrici tal-imsemmi David Debono fl-ammont indikat mill-attur, izda f’ammont inqas kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ April, 2002, li *in forza* tieghu giet ordnata l-kjamata fil-kawza ta’ David Debono;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-imsejjah fil-kawza David Debono li *in forza* tieghu ecepixxa illi:

1. Huwa minnu li huwa fit-2 ta’ Marzu, 2001 kellu jiehu minghand il-konvenuta ditta *“Chadwick Mushrooms Farm Limited”* is-somma sostanzjali li kienet tlahhaq il-hamest elef tlett mija u hamsa u sebghin liri maltin u erba’ u disghin centezmu.

2. Dina s-sitwazzjoni kienet hekk sat-18 ta’ Settembru tal-2001, kif jammetti l-istess konvenut fir-rapport bilancjali tieghu tal-4 ta’ Marzu, 2002 kopja annessa (Dok DD1) u mibghuta lill-eccipjenti.

3. L-istess rapport mhux korrett meta jirraporta li certu Salvu Galea kellu kreditu, kontra l-esponenti, ta’ Lm5,433.68, li huwa qed jasserixxi li xtara minghandu, peress li dan kien fil-maggorparti mhallas u l-bilanc ta’ ftit mijiet kien kontestat minhabba xoghol hazin, u ghalhekk

ma seta' kien hemm l-ebda tpacija u s-somma msemmija ghadha dovuta lilu mid-ditta konvenuta lill-esponenti.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-affidavits ipprestati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hi ftit kumplikata peress li hemm erba' persuni involuti, liema persuni hu allegat li ghandhom relazzjoni ta' kreditur-debitur wiehed mal-iehor. Li l-attur hu kreditur ta' l-kjamat fil-kawza David Debono hu anness minn dawn iz-zewg partijiet. David Debono jallega li hu kreditur fis-somma ta' Lm5,375 tas-socjeta' konvenuta Chadwick Mushroom Farm Ltd, izda din is-socjeta' ma tammettix li hi ghada debitrici ta' David Debono. Dahal fix-xena wkoll certu Salvu Galea li qal li hu kreditur ta' Lm5,433 versu l-kjamat fil-kawza David Debono; David Debono ma jaccettax dan.

Gara li Salvu Galea, li qed jirreklama s-somma ta' Lm5,433 minghand David Debono, biegh dan il-kreditu lis-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd, b'mod li dan l-allegat kreditu sar ta' din il-kumpanija. Peress li s-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd kellha thallas Lm5,375 lill-David Debono, u issa David Debono kellu jaghtiha Lm5,433, hi operat tpacija u qieset lilha nfisha mahlula mid-debitu li kellha versu David Debono. Ic-cessjoni ta' kreditu bejn Salvu Galea u Chadwick Mushroom Farm Ltd

sehh bi skrittura tal-24 ta' Settembru, 2001, u fuqha Salvu Galea iddikjara ruhu veru, cert u likwidu kreditur ta' David Debono fis-somma ta' Lm5,433; David Debono ma kienx parti fuq dik l-iskrittura u ma kienx involut fiha. It-tpacija li ghamlet is-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd saret unilateralment minnha, u mhux bi ftehim ma David Debono.

L-attur ma kienx parti f'dawn il-kontrattazzjonijiet li saru bejn Salvu Galea, David Debono u Chadwick Mushroom Farm Ltd, izda bhala kreditur ta' David Debono, qed jipprova jigbor parti mill-hlas dovut lilu minn dak dovut lill-David Debono mit-terzi.

Illi l-azzjoni tal-attur hija dik mahsuba fl-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, maghrufa wkoll bhala l-*actio debitor debitoris mei*, u li biha kreditur, biex jithallas ta' dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet li d-debitur tieghu jista' jiehu kontra d-debituri tieghu, imbasta tali jeddijiet ma jkunux personali ghad-debitur.

Illi ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja min-naha tal-kreditur, m'huwiex mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu, u din tista' tinbeda minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista' juri. Lanqas jista' jinghad li, bl-agir tal-kreditur, isehh surroga – fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-kuncett – fil-jeddijiet li d-debitur jista' jkollu kontra d-debitur tieghu. Ghalhekk, ghalkemm din l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala *actio indirecta vel obliqua*, ma hemm xejn x'izomm lill-kreditur li jmexxi 'l quddiem il-pretenzjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu.

Illi, bhal f'kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu interess li jressaq l-azzjoni, liema interess, per ezempju, jigi nieqes jekk kemm-il darba m'hemm l-ebda dubju li d-debitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga' beda minn rajh proceduri kontra d-debitur tieghu biex jithallas minghandhom (ara Amos & Walton, *Introduction to French Law*, pag. 242). Fid-dawl tal-attwalita' tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu irid ikun dovut,

u mhux sospiz b'xi kundizzjoni li izzommu milli jista' jibda procedura diretta kontra d-debitur tieghu.

Illi, madankollu, l-attur kreditur huwa *procurator in rem suam*, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma' dak tad-debitur tieghu (ara il-kawza "Galea vs Attard et", deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 1958). Kif inhuwa sewwa mghallem mill-awturi dwar dan is-suggett, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja, iressaq azzjoni msejsa fuq jedd *"… non suo ma sibbene del debitore, e quindi agisce non 'jure proprio' ma 'ex juribus debitoris', e sotto tale rispetto e' un avente causa del debitore, e non un terzo; attore nel suo interesse personale, perche non ha in mira il vantaggio del debitore, ma soltanto il suo, che consiste nel conseguire, o subito o piu' tardi, il pagamento del credito proprio (ara Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, Vol II, par. 197)".* Din hija silta tassew cara li turi sewwa kif ghandha titqies l-azzjoni surrogatorja.

Illi l-mistoqsija li tinqala' hija jekk il-kreditur huwiex mehtieg li jharrek biss lid-debitur tad-debitur tieghu jew jekk ghandux iharrek ukoll lid-debitur ewlieni. Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta fuq dan il-fatt, ghall-kuntrarju ta' dak li tipprovdi l-ligi taljana, il-bixra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, biex is-sentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll u biex il-gudizzju jkun shih (ara, per ezempju, Ripert & Boulanger, *Traite' elementaire de Droit Commercial, Vol II, par. 1382*; u l-kawzi fl-ismijiet "Paris et vs Grech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 1945, "Camilleri vs Spiteri Debono", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' April, 1955 u "Mifsud Bonnici vs Howell", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 1980). Dan ghaliex fil-kaz ta' success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda preivilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju tad-debitur tieghu u jibqa' suggett ghal xi jeddijiet li kredituri ohrajn ta' dak id-debitur jista' jkollhom fuq hwejgu.

Illi l-elementi mehtiega biex isehh l-azzjoni surrogatorja huma: (a) li l-attur ikun tassew kreditur tad-debitur, (b) li l-

kreditur tieghu huwa wiehed fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali, (c) li d-debitur ikollu jedd, ta’ natura patrimonjali u miftuh ghalih, kontra debitur tieghu, (d) li l-attur irid juri li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma jimpurtahx, li bl-ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu, (e) li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta’ agir f’waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur u, (f) f’kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, l-attur irid jipprova wkoll il-kreditu li d-debitur tieghu ghandu kontra t-terz debitur.

Illi, fil-waqt li, kif inghad, il-kreditur irid jipprova kemm il-kreditur tieghu kontra d-debitur tieghu, u kif ukoll il-kreditu tad-debitur tieghu kontra d-debitur ta’ dan, l-attur kreditur jista’ jaghzel kemm li jikkonferma b’azzjoni precedenti il-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista’ wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha.  Dan izda jkun ifisser li, f’kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel ma’ l-kreditur ikollu sentenza jew titolu ezekuttiv iehor li jikonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll u jikseb il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu.  Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehhlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi ‘l quddiem ghat-tieni tragward.

Illi fl-azzjoni surrogatorja, l-attur imexxi *in jure debitoris*, u ghalhekk il-jedd li l-attur kreditur jista’ jkollu fil-konfront tat-terza persuna la jista’ jkun akbar u lanqas izghar mid-dritt li d-debitur ewlieni ghandu kontra min ghandu jaghti lilu (ara il-kawza “Khamis vs Warrington noe” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta’ Ottubru, 1984).  Id-debitur terz imharrek jista’ jtella’ kontra l-attur kreditur tal-kreditur tieghu kull eccezzjoni li hu jista’ jqanqal kontra l-kreditur immedjat tieghu kieku dan kellu jfittxu ghall-hlas tad-dejn.

Illi dawn il-kumment kellhom isiru biex wiehed issa jista’ jifhem ahjar ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u jqis is-siwi tat-talbiet tal-attur.

L-ewwel zewg elementi imsemmija jirrizultaw. L-attur hu kreditur fis-somma ta' Lm13,388 versu David Debono, liema kreditu hu ammess mill-istess David Debono. Dan il-kreditu hu fattwali u dovut, u mhux marbut ma' xi kondizzjoni. Il-kwistjoni vera ta' din il-kawza tirreferi fuq jekk is-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd hijiex jew le debitrici ta' David Debono. Hu ippruvat li Chadwick Mushroom Farm Ltd kienet debitrici fis-somma ta' Lm5,375 versu David Debono, izda s-socjeta' qed tallega li dan id-dejn gie eztint meta hi xtrat il-kreditu li Salvu Galea kellu versu David Debono.

Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta' konvenuta. Il-kreditu li Salvu Galea jallega li ghandu versu David Debono hu kontestat mill-istess David Debono, u ghalkemm meta biegh dan id-dejn lill-Chadwick Mushroom Farm Ltd, stqarr li hu veru, cert u likwidu kreditur ta' David Debono, din kienet biss dikjarazzjoni unilaterali, la ma gietx qatt accettata jew ammessa mill-istess David Debono. David Debono ma kienx firmatarju fuq dik l-iskrittura, u allura ma jistax jigi ppregjudikat b'dak li gie mistqarr fil-konfront tieghu. La darba dan il-kreditu hu kontestat, dak li akkwistat is-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd ma kienx kreditu cert u likwidu, izda biss pretensjoni, u la darba kien hekk, is-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd ma setghetx topera tpacija biex toqtol dejn li hi kellha versu David Debono (ara <u>"C. Fino & Sons Ltd vs Polidano Bros Ltd"</u>, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2004). L-artikolu 1197 tal-Kodici Civili hu car meta jiddisponi li t-tpacija tista' topera biss *ipso jure* meta z-zewg idjun ikunu t-tnejn likwidi, dovuti u certi f'dik li hija kwantita'. F'dan il-kaz, wiehed mid-djun, l-allegat kreditu li kien pretiz minn Salvu Galea, m'ghandux dawn il-karatteristici. L-istqarrija li ghamel Salvu Galea fuq l-iskrittura ta' cessjoni ta' dejn, ma torbotx u ma tistax tkun ta' hsara ghal David Debono.

Darba li ma avveratx ruhha tpacija *ipso jure*, irid issa jigi determinat jekk, bhala fatt, is-socjeta' Chadwick Mushroom Farm Ltd, bhala aventi kawza minn Salvu Galea, hijiex kreditrici ta' David Debono, f'liema kaz il-Qorti tkun tista' tqies estint id-dejn taghha lejn l-istess

David Debono bis-sahha ta’ tpacija *ope judicis*. Dan peress li, skond l-artikolu 1201(2) tal-Kodici Civili, c-cessjoni li d-debitur ma jkunx accetta, imma li tkun giet lilu notifikata (kif gara f’dan il-kaz) mhiex ta’ xkiel ghat-tpacija meta l-allegati djun jipprocedu n-notifika.

Jirrizulta ammess min David Debono li, f’xi stadju, hu kellu jaghti s-somma ta’ Lm9,433 lil Salvu Galea; dan jirrizulta minn kitba li s-Sur Debono jammetti li ghamilha hu. Wara dan, saru hlasijiet ohra ammontanti ghal Lm4,000, u dwar dan jaqblu z-zewg partijiet. Il-kontestazzjoni hi li fil-waqt li Salvu Galea jippretendi li ghad-fadal il-bilanc ta’ Lm4,433, David Debono jghid li hu ghamel pagamenti ulterjuri ammontanti ghal Lm5,000, u dana fi flus kontanti. Dawn il-hlasijiet fi flus kontanti jinghad li saru hekk: Lm1,000 fis-26 ta’ Frar, 2001; Lm1,000 fis-29 ta’ Marzu, 2001; Lm500 fis-26 ta’ April, 2001; Lm1,000 fl-10 ta’ Mejju, 2001, u Lm1,500 fis-16 ta’ Lulju, 2001. David Debono m’ghandux ricevuta ghal dawn il-hlasijiet, izda xehdet ukoll bintu Amanda Mangion li kkonfermat li saru il-hlasijiet indikati.

Bhala principju, kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “Abela Fitzpatrick vs Web Trading Ltd”, deciza fl-24 ta’ Novembru, 2003,

*“kif jinsab ritenut ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta’ ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali”*.

Il-Qorti kellha okkazzjoni tisma’ lill-partijiet involuti, u tqies li Salvu Galea ma deherx wiehed konvincenti fid-depozizzjoni tieghu. Hekk, per ezempju, l-ewwel jghid li David Debono *“qatt ma taghni flus cash”*, imbaghad wara li gie indikat lilu li fuq il-kitba hu kien irrikonoxxa hlas li sar b’cash, ikwalifika d-dikjarazzjoni tieghu fis-sens li wara dik il-kitba huwa zgur qatt ma ircieva hlasijiet fi flus kontanti. Il-fatt li l-ktieb fejn hu kien izomm in-notamenti tieghu ma nstabx, ukoll jimilita kontra tieghu. Ghall-ewwel dan il-ktieb ma kiex jidher importanti fid-dawl tal-ammissjoni ta’

David Debono li hu kien kiteb il-kitba li fuqha irrikonoxxa li kellu jaghti s-somma ta’ Lm9,433, izda, meta dan is-Sur Galea beda jitfa dubji dwar kif u meta saru xi halsijiet, hu kellu jipprova jfittex biex jara jsibx dan il-ktieb, u ghalkemm qal li fittxu u ma sabhux, mill-attitudni tieghu meta qal dan, il-Qorti ghandha dubji serji kemm verament fittex li jintraccja l-ktieb. Is-Sur Galea halla dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-veracita’ tieghu, u hasset li David Debono u bintu kienu aktar konvincenti. Veru li Amanda Manion kienet tirregistra l-hlasijiet li missierha kien jghidilha li kien ghamel, *pero’*, kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn hi rat lill-missierha jghaddi flus lis-Sur Galea.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li mill-kreditu ta’ Lm5,433 pretiz mis-socjeta’ konvenuta bhala aventi kawza ta’ Salvu Galea, is-somma ta’ Lm5000 kienet thallset minn David Debono, u hija biss is-somma ta’ Lm433 li baqghet pendenti. David Debono jallega li din is-somma mhux dovuta peress li tirrapprezenta l-prezz ta’ tfaqqieh li kien hazin, *pero’*, prova ta’ dan ma saretx. Ghalhekk, mis-somma ta’ Lm5,375 li David Debono ghandu jiehu minghand is-socjeta’ Chadwick Mushroom Farm Ltd, ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm433, li David Debono ghandu jaghti lil dik is-socjeta’. B’hekk is-somma li s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lil David Debono hi ta’ Lm4,942.

L-elementi l-ohra tal-azjoni jirrizultaw ukoll, peress li David Debono stqarr li hu ghandu bzonn jigbor il-flus dovuti lilu minghand Chadwick Mushroom Farm Ltd, ghax altrimenti ikun fl-impossibilita’ li jhallas fl-intier tieghu il-kont tal-attur. Irrizulta wkoll li David Debono naqas li jipprocedi kontra d-debitur tieghu, u li kien fl-interess tal-attur li l-pendenza bejn id-debitur tieghu u t-terz tigi determinata u mhallsa.

Dwar it-talbiet attrici, it-tielet talba ma tistax tintlaqa peress li l-effett tal-azzjoni surrogatorja hu biex il-patrimonju tad-debitur tal-kreditur jizdied bl-ammont li d-debitur ghandu jiehu minghand id-debitur tieghu, u mhux biex il-kreditur jithallas direttament mid-debitur tad-debitur tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet solevati mis-socjeta' konvenuta, u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Chadwick Mushroom Farm Ltd hija debitrici lejn David Debono fis-somma ta' Lm4,942 (erba' t'elef, disgha mija u tnejn u erbghin liri Maltin), tikkundanna lis-istess socjeta' konvenuta thallas lill-David Debono l-imsemmija somma ta' Lm4,942, bl-imghax legali mit-28 ta' Settembru, 2000, sal-pagament effettiv, u, fuq ammissjoni ta' David Debono, tiddikjara li l-istess David Debono huwa debitur lejn l-attur fis-somma ta' Lm13,388 (tlettax il-elf, tlett mija u tmienja u tmenin liri Maltin).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta Chadwick Mushroom Farm Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------